MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 39/2012

**Victor Attard**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Victor Attard tat-12 ta' April 2012 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Marzu 2012 fejn gie konfermat l-Avviz ta' Waqfien u Twettieq 210/10;

Rat ir-risposta tal-Awtorita fejn issottomettiet li d-decizjoni tat-Tribunal ghandha tigi konfermata u l-appell michud;

Rat l-atti kollha u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra :-

B'Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq fil-25 ta' Marzu 2010, ECF 210/10, l-appellant gie formalment avzat li f'sit fi Triq Hal-Qormi, Luqa, kellu ksur ta' Kontroll tal-Ippjanar li gie hekk deskritt :-

"ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti minn zewg garagxxijiet u xatba kif ukoll ghollejt il-hajt ta' mat-triq 'l fuq minn dak mibni originali u qed izomm imbarazz iehor fuq is-sit bir-rizultat li qed tithassar id-dehra, il-gmiel u s-siwi taz-zona".

Fl-appell tieghu, il-Perit Henry Attard ghall-appellant ddikjara li l-propjeta' mertu tal-avviz nbniet diversi snin ilu mill-Gvern ta' Malta in sostituzzjoni ta' binja ohra li kienet twaqqghet fil-kors tat-twessiegh tat-triq li tigi biswit is-sit in kwistjoni.

Il-Perit Attard ghalhekk issottometta li l-binja hi legali u ma kienx hemm il-htiega tal-avviz mertu ta' dan l-appell.

Fir-risposta tieghu, l-Avukat Dr. Anthony De Gaetano ghall-Awtorita' issottometta li l-avviz hareg billi kien qed jinzamm 'scrap' fuq is-sit u sar bini tal-hitan u garages bla permess; hu ddikjara, in oltre', li parti mill-izvilupp sar bej l-1978 u l-1988; u dan tkompla bejn l-1988 u l-1994, zvilupp li hu illegali billi sar bla permess la tal-PAPB u lanqas tal-Gvern.

Il-Perit Henry Attard li xehed fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2010, iddikjara li l-kamra in kwistjoni tidher fl-aerial photo tal-1957, 1967 u 1978 u li din tnehhiet u regghet nbniet ftit distanza 'l boghod minn fejn kienet originarjament, wara li twessghet it-triq.

Ix-xhud George Muscat ikkonferma li l-kamra kienet tezisti, twaqqghet billi sar xoghol ta' twessiegh tat-triq u l-kamra regghet nbniet ftit l' boghod mill-post originali.

Ix-xhud ikkonferma li x-xoghol sar mill-haddiema tal-Gvern.

Minn Blue 5A tal-enforcement file ECF 210/10, jirrizulta li wara li sar complaint mal-Awtorita' dwar bini illegali, sar access mill-enforcement officer Robert Attard fit-18 ta' Marzu 2010, li kkonferma li s-sid Victor Attard qallu li l-art mhix propjeta' tal-Gvern, li hu xtraha fl-2009. Gie minnu notat li fuq is-sit nbnew zewg garages u gate bla permess. Il-hajt fit-triq zdied fl-gholi u li kien qed jigi depositat materjal fuq is-sit. Dawk l-istrutturi ma jidhrux fl-aerial photos tal-1967 u ma irrizultax li dawn kienu koperti bil-permess.

Ikkunsidra ulterjorament :-

Appelli minn avvizi simili huma regolati b'dak li jiddisponi l-Artiklu 86(12) tal-Att X tal-2010 Kap. 504, precedentement l-Artiklu 51 et seq tal-Kap. 356.

Skond l-imsemmi Artiklu, l-appell jigi milqugh kemm-il darba jirrizulta li l-izvilupp kkontestat fl-avviz ikun kopert bil-permess, jew li ma kienx jirrikjedi permess jew li kien hemm permess u ma saret l-ebda kontravenzjoni ta' xi kundizzjoni imposta fil-permess. Skond s-sub incis (b) tal-istess Artiklu "f'kull kas iehor l-appell jigi michud''.

Fil-kas in ezami, partikolarment r-ritratti li jinsabu fl-enforcement file, ir-ritratt Blue 3B li juri l-hajt li jaghti ghat-triq u Blue 3D zewg garages u depositu ta' materjal, jirrizulta li l-izvilupp jirrikjedi permess u skond l-enforcement officer Robert Attard ma nstabu l-ebda permessi dwar dan l-izvilupp.

Fit-terminu tal-Artiklu hawn fuq citat l-appell ma jistax jigi milqugh.

It-Tribunal ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq tal-25 ta' Marzu 2010, ECF 210/10.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:
1. It-Tribunal applika hazin l-artikolu 86(12) tal-Kap. 504 precedentement artikolu 51 tal-Kap. 356 billi sostna li anki jekk parti mill-izvilupp hu legali, it-Tribunal kellu jichad l-appell in toto jekk l-enforcement notice kien in parti korrett;
2. It-Tribunal ukoll applika hazin l-artikolu 86 li fl-applikazzjoni tieghu hu marbut biss ma' dak li jipprovdi l-istess artikolu minghajr ma jirreferi ghall-artikolu 69(2) fejn fid-determinazzjoni ta' applikazzjoni l-Awtorita u per konsegwenza t-Tribunal bl-applikazzjoni tal-artikolu 41(13) ghandu jqis 'kull haga ohra ta' sustanza'.

**L-ewwel u t-tieni aggravju**

Il-Qorti ser titratta dawn l-aggravji flimkien. Mill-punto di vista legali dak li ssottometta l-appellant fl-ewwel aggravju hu korrett. It-Tribunal fl-applikazzjoni tal-artikolu 86 tal-Kap. 504 ghandu jintrabat mal-artikolu 86(12) cioe li jekk da parti tal-appellant ma jigix pruvat permess, jew li s-sit kolpit bl-enforcement ma kienx jirrikjedi permess, jew li ma inkisret ebda kondizzjoni ta' permess, allura f'dak il-kaz l-appell jigi michud.

It-Tribunal kull ma ghamel hu li enuncja dan il-principju fil-konsiderazzjonijiet li ghamel. Pero minn qari tal-premessi u elenku ta' provi li ngiebu l-istess Tribunal jirreferi ghax-xiehda tal-perit Attard u xhud George Muscat li xehdu dwar l-ezistenza ta' struttura li kienet ezistenti sa mill-1957 kif jidher minn aerial photo esebit u illi din l-istruttura kienet giet demolita mill-Gvern biex twessghet it-triq u regghet inbniet ftit il-gewwa mill-haddiema tal-Gvern stess.

It-Tribunal ma ta' ebda konsiderazzjoni ghal din il-prova u jekk tali prova tikkostitwix fatt ippruvat u finalment jekk wahda mill-istrutturi kolpiti mill-enforcement notice kinitx din l-istruttura.

It-Tribunal injora pero l-bqija tal-artikolu 86(12) li jghid li jekk xi wiehed mill-elementi tal-artikolu 86(12) jigi ppruvat

allura l-ordni jew avviz ghandu jigi annullat kollu jew dik il-parti tieghu li dwarha l-Bord ikun sodisfatt, kif gie invokat mill-appellant.

Il-Qorti taqbel mal-appellant li t-Tribunal applika hazin dan l-artikolu fis-sens li applika biss parti minnu minghajr ma qies il-provi kollha fil-kuntest shih tal-artikolu 86(12). Dan in-nuqqas ta' konsiderazzjoni ta' prova li timpingi fuq l-applikazzjoni shiha u korretta tal-artikolu 86(12) jammonta ghal applikazzjoni hazina tal-artikolu 86(12) da parti tat-Tribunal.

It-tieni aggravju hu wiehed prematur f'dan l-istadju billi ma giex muri illi t-Tribunal applika hazin l-artikolu 86(12) wara li ikkonsidra l-prova tal-istruttura ezistenti qabel l-1967 skond ix-xiehda tal-perit Attard u l-effetti li seta kellha din l-istruttura fuq l-enforcement notice jew il-fatt li f'xi zmien giet spostata mill-Gvern stess ghax twessghet it-triq. Jirrizulta invece li t-Tribunal lanqas biss ikkonsidra din il-kwistjoni u sa hawn biss ghandha tissoferma ruhha l-Qorti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u kwindi qed tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Marzu 2012 u konsegwentement qed tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal biex jiddeciedi l-kwistjoni in linea ma' dak deciz.

Spejjez jithallsu mill-appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------